MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 653/2009

Merlin International Limited (C 4432).

Vs

Carmelo Spiteri u Daniela Spiteri.

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf u wiehed u tletin ewro u dsatax-il centezmu (€1031.19) minghand il-konvenuti jew min minnhom, prevja dikjarazzjoni ta' responsabbilta', liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz minn somma akbar dovuta lis-socjeta' attrici ghas-servizz ta' kiri ta' karozzi, liema ammont baqa ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet, Bl-ispejjes u bl-imghax legali mit-8 ta' April 2008 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma l-Avviz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, huma ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu milli jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf u wiehed u tletin ewro u dsatax-il centezmu (€1031.19), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------